MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Numru. 431/2008

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Lawrence Cutajar)**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Joseph Calleja**

**Kumpilazzjoni Nru: 431/2008**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Joseph Calleja, ta' 61 sena, bin il-mejjet Carmel u Maria Dolores nee' Sammut, imwieled San Pawl il-Bahar fit-18 t'April 1947, residenti gewwa 'Yucca Court' Flat 2, Triq Carmelo De Lucca, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 401747(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar it-12 ta' Mejju 2008 ghall-habta ta' 08:15pm u fi zminijiet ta' qabel, minn gewwa l-fond Cor Jesu, Triq is-Sindku P.Vella, Zebbug, Malta ghamel jew xjentement zamm jew kellu ghandu jew taht il-kontroll tieghu xi sustanza esploziva taht dawn ic-cirkostanzi illi jghatu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun illi huwa ghamila, zamma jew kienet ghandu ghal hsieb mux lecitu u;

2. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi dahhal f'Malta porvli ta' l-isparar jew esplozivi ohra, inkella fetah jew zamm fabbriki tal-porvli jew xoghol tan-nar, inkella fabbriki ohra fejn jinhadmu porvli jew esplozivi ohra, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Din il-licenzja ma tigix mghotija kemm il-darba ma jittiehdux il-prekawzjonijiet mehtiega ghall-harsien tal-hajja u tal-proprjeta' u;

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm ghall-bejgh jew hazen porvli ta' l-isparar jew esplosivi minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. U aktar talli garr porvli ta' l-isparar jew esplossivi minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-licenzja ta' l-imputat.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali permezz ta’ liema baghtet lill-imputat biex jigi gudika minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

a) 313 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 3, 9, 16, 26C, 27, 28, 29(1) u 30 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) 17, 30, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici u ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi nhar it-12 ta’ Mejju 2008 il-pulizija rceviet rapport li fil-fond ”Cor Jesu” Triq Sindku P Vella Haz-Zebbug kien qed jinhazen xi xoghol tan-nar; il-fond imsemmi kien ir-residenza ta’ certu Carmel Falzon. Il-pulizija marret fuq il-post u fil-fatt instabu diversi affarijiet konnessi mal-loghob tan-nar; dawn kienu jikkonsistu f’xoghol lest mahdum bhal beraq, stoppini, zbruffaturi, suffarelli, stillel, funtani u musketterija kif ukoll materjal splussiv. Dawn kienu sparsi mad-dar kollha inkluz il-bejt.

Illi mill-investigazzjoni li ghamlet il-pulizija rrizulta li l-imputat huwa detentur ta’ licenzja Kategorija A u huwa l-persuna responsabbli ghall-kamra tan-nar 12th May Tar-Ramel l/o Zebbug. L-imputat kellu l-awtorizazzjoni, ossia permess tal-pulizija, biex dak in-nhar tal-festa cioe t-12 ta’ Mejju 2008 fit-8.00pm, jahraq nar mill-fond Cor jesu Triq Sindku P Vella Zebbug, cioe ir-residenza ta’ Carmel Falzon li kellu licenzja Kategorija B. Il-permess relattiv (li hu esebeit bhala Dok LC2 a fol 107 tal-process) kien jirreferi ghal musketterija u stoppini biss.

Illi mir-rapport ta’l-espert il-Kaptan (illum Brigadier) Jeffrey Curmi jirrizulta li fuq il-bejt tad-dar ta’ Falzon instabu, lesti biex jinharqu, mhux biss musketterija u stoppini imma anke zbruffaturi u rdieden. Aktar minn hekk irrizulta li l-istoppini kellhom diametru ta’ dsatax il-millimetru (19mm) meta dawn suppost ikollhom diametru ta’ ghaxar millimetru (10mm)[1] meta jkunu ser jinharqu minn fuq bejt. Mill-imsemmi rapport jirrizulta ukoll li sparsi mad-dar kollha kien

[1] Ref paragrafu B(d) tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta’ Malta.

hemm materjal splussiv li jintuza fix-xoghol tan-nar kif ukoll xoghol iehor lest mahdum.

Illi Carmel Falzon xehed[2] quddiem din il-Qorti; huwa jikkonferma li l-fond Cor Jesu Triq Sindku P Vella Haz-Zebbug huwa r-residenza tieghu. Hu kkonferma li ghandu licenzja Kategorija B u li hu kien jahdem f'l-istess kamra tan-nar li taghha l-imputat kien responsabbli, cioe l-kamra tan-nar 12th May Tar-Ramel l/o Zebbug. Hu jghid ukoll li minn zmien ghal zmien meta kienu jmorru jaharqu n-nar u kien jifdal xi haga kien johodha d-dar tieghu u li gieli kien jiehu xi affarijiet zghar mill-kamra tan-nar. Jinsisti li l-imputat ma kienx jaf b'dan li qed jigri u jinsisti ukoll li l-imputat qatt ma dahal fid-dar tieghu.

Illi l-imputat da parti tieghu rrilaxxja stqarrija u anke xehed quddiem din il-Qorti. Huwa jikkonferma li l-kamra tan-nar li taghha huwa responsabbli tahdem in-nar mhux biss ghall-festa taghhom imma anke ghal hadd iehor. L-imputat spjega ukoll li n-nar kollu jinhadem fil-kamra u li hu ma jippermetti lil hadd li johrog affarijiet mill-kamra jekk ma jkunx kollox skond il-Ligi; hu kompla jispjega li anke meta jkunu ser jinbiegh xi xoghol jekk il-persuni koncernati ma jkollhomx trasport kif titlob il-Ligi hu ma jippermettiex li johrog in-nar mill-kamra.

Illi l-imputat kompla jispjega li dak in-nhar tal-festa (fis-sena 2008), filghodu, hu wassal certu xoghol ghand Falzon ghax kellhom il-permess biex jinharaq xi nar minn fuq il-bejt tad-dar ta' Falzon; Falzon kien mieghu fit-traggit mill-kamra ghad-dar . L-imputat ikompli jispjega li hu wassal in-nar sal-garaxx ta' Falzon li ma halliehx jidhol gewwa ghax qallu li s'hemm bizzejjed. Aktar tard dak in-nhar lill-imputat cempillu s-Segretarju tal-Kazin tal-Banda u qallu biex imur fid-dar ta' Falzon; l-imputat hekk ghamel (hu mar flimkien mal-President tal-Kazin). Meta waslu ghand Falzon (kien hemm il-pulizija) telghu fuq u sabu xoghol tan-nar li mhux suppost jinharaq minn fuq il-bjut. L-imputat qal li ma kienx jaf jekk dak ix-xoghol kienx tal-kamra taghhom jew le, in oltre insista li hu lil Falzon qatt ma tah xoghol biex jiehdu d-dar (hlif dak li kien ha hu stess filghodu u li ghalih kellhom il-permess) u nsista ukoll li qatt ma ppermetta lil Falzon biex johrog xi nar jew materjal iehor mill-kamra. L-imputat kompla zied li hu ghandu d-dritt li jfittex fil-karozzi tal-persuni li jahdmu fil-kamra u li meta jkollu xi suspett huwa jfittex; pero jghid ukoll li hu qatt ma kellu ghalfejn jissusspetta lil Falzon ghalhekk qatt ma fittex fil-karozza tieghu.

[2] Ghandu jigi rilevat li Carmel Falzon ta d-depozizzjoni tieghu fit-13 ta' Novembru 2013 u dan minkejja li x-xhieda l-ohra kollha tal-prosekuzzjoni kienu tressqu sal-15 ta' Frar 2010. Gara hekk peress li Carmel Falzon ma setghax jigi obbligat jiddeponi qabel ma jigu terminati l-proceduri li kien hemm pendenti fil-konfront tieghu b'rabta ma' dan l-istess incident. Il-proceduri fil-konfront ta' l-imsemmi Carmel Falzon gew konkluzi permezz ta' sentenza mghotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2013.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tac-citazzjoni huma erbgha: li fil-fond Cor Jesu Triq Sindku P Vella Haz-Zebbug, zamm jew kellu taht il-kontroll tieghu sustanzi spulssiv taht cirkostanzi li jaghtu ghaliexwiehed jahseb li kienu hemm ghal hsieb illecitu (reat prospettat f'l-artikolu 313 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta); li zamm fabbrika tal-porvli jew xoghol tan-nar minghajr licenzja (ir-reat prospettat f'l-artikolu 3 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta; li zamm ghall-bejgh jew hazen porvli jew splussiv minghajr licenzja (reat prospettat f'l-artiklu 9 tal-Kapitolu 33); u li garr porvli jew splussiv minghjar licenzja.

Illi dwar din l-ahhar imputazzjoni, mill-mod kif inhi impostata fic-citazzjoni, jidher li hija bazata fuq dak li kien jipprovdi l-artikolu 16 tal-Kapitolu 33; fil-fatt fin-nota ta' rinviju ghal gudizju ta'l-Avukat Generali (li hija datata 17 ta' Dicembru 2013) huwa jikkwota dan l-artikolu. Pero l-artikolu 16 tal-Kapitolu 33 gie imhassar permezz ta'l-Att XX tas-sena 2012; dan ifisser li l-imputazzjoni li biha qed jigi addebietat l-imputat m'ghadhiex tikostitiwxxi reat, almenu bil-mod kif impostata u fit-termini tan-nota ta' rinviju ghal gudizju ta'l-Avukat Generali. La darba r-reat li gie addebietat bih l-imputat m'ghadux jezisti huwa ma jista' llum jinstab hati tieghu. Ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla hlif li tilliberaha lill-imputat minn din r-raba imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi kif diga ntqal mhux kontestat li fil-fond Cor Jesu Triq Sindku P Vella Haz-Zebbug kien hemm nar lest biex jinhraq u materjal splussiv u lanqas m'hu kontestat li l-permess mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija kien ikopri biss il-musketterija u l-istoppini li kellhom jinharqu minn fuq il-bejt ta' din id-dar. Id-difiza pero qed tikkontendi li l-imputat ma kienx jaf x'kien qed jigri fid-dar ta' Carmel Falzon u li dan kellu hazna ta' materjal splussiv u nar iehor, ghalhekk (dejjem skond kif qed tikkontendi d-difiza) ma jistax jinstab hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi fil-verita ma ngiebet l-ebda prova li kien l-imputat li ha l-materjal splussiv jew nar lest biex jinharaq fid-dar ta' Falzon[3]; lanqas ma ngiebet xi prova li hu kien qed jahdem in-nar hemm. Ghalhekk biex jinstab hati tar-reati lilu addebietati irid jigi pruvat li l-imputat mhux biss kien jaf b'dak li qed jaghmel Falzon imma li Falzon kien qed jagixxi fuq struzzjonijiet tieghu jew li b'xi mod iehor kienu komplici f'dan l-eghmil.

[3] Hlif ghal dawk l-istoppini u l-musketterija li kellha tinharaq waqt il-marc.

Illi mill-provi prodotti l-unika prova li tista' titfa dawl fuq din il-kwsitjoni hija dak li jghidu Carmel Falzon u l-imputat; l-imputat isostni li hu ma kienx jaf b'dak li kien qed jigri fid-dar ta' Carmel Falzon li da parti tieghu (prodott bhala xhud tal-prosekuzzjoni) jikkorabora dak li jghid l-imputat. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li lanqas hemm prova konklussiva ta' kemm mill-affarijiet li nstabu fid-dar ta' Falzon ittiehdu mill-kamra tan-nar li taghha kien responsabbli l-imputat ma jistax jinghad li l-prosekuzzjoni rnexxielha jipprova 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat kien jaf li Carmel Falzon kien qed jahdem in-nar fid-dar tieghu u li dan kien qed jaghmlu b'materjal li kien ittiehed ukoll mill-kamra li taghha kien responsabbli l-imputat. Konsegwentment l-imputat ma jistax jinstab hati ta'l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

Illi pero l-istess ma jistax jinghad ghat-tielet imputazzjoni; din taqra hekk:

> *Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi*[4] *zamm ghall-bejgh jew hazen porvli ta' l-isparar jew esplosivi minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;*

Illi ai fini ta' din l-imputazzjoni dak li trid tipprova l-prosekuzzjoni hu li l-imputat zamm ghall-bejgh jew hazen porvli ta'l-isparar jew splussiv fil-fid-dar ta' Carmel Falzon minghajr ma kellu licenzja tal-pulizija.

Illi ai termini ta'l-artikolu 2 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta il-kelma *esplozivi* tfisser:

> ***porvli tal-isparar**, nitroglicerina, dinamite, gun-cotton, porvli għal mini, fulminat tal-merkurju jew ta' metalli oħra, fjammi ta' Bengala, klurat tal-putassa, klurat tal-barju,* ***u kull sustanza oħra****, sew bħal dawk hawn imsemmija jew xort'oħra,* ***użata jew maħduma sabiex tipproduċi riżultat prattiku bil-mezz ta' splużjoni jew b'effett piroteknik**u*[5]*; u tfisser ukoll sinjali taċ-ċpar, xogħlijiet tannar, miċeċ, murtali tal-ftuħ, kapsijiet tal-mini, detonaturi, skrateċ, munizzjon ta' kull xorta, u kull adattament jew preparazzjoni ta' esploživ kif imfisser hawn fuq;*

Illi kif diga jirrizulta mill-provi jirrizulta li l-imputat ha fid-dar ta' Carmel Falzon musketterija u stoppini biex jinzammu hemm sa kemm jinharaq waqt il-

[4] Cioe *nhar it-12 ta' Mejju 2008 ghall-habta ta' 08:15pm u fi zminijiet ta' qabel, minn gewwa l-fond Cor Jesu, Triq is-Sindku P.Vella, Zebbug, Malta.*
[5] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

marc. M'ghandhu jkun hemm l-ebda dubbju li dawn huma prodotti maghmula minn *sustanzi uzati jew mahduma biex jipproducu rizultat prattiku bil-mezz ta' spluzzjoni jew b'effett pirotekniku* u ghalhekk jaqaw taht definizzjoni ta' splussiv ai fini tal-Kapiotlu 33. Jirrizulta li l-imputat kellu permess mahrug mill-pulizija biex jahraq nar minn fuq il-bejt ta' Carmel Falzon pero dan il-permess kien jirreferi ghal musktterija u stoppini li ai termini tal-paragrafu B(d) tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 33 kellhom ikollhom diametru ta' ghaxar millimetru. L-istoppini li l-imputat ha ghand Carmel Falzon kellhom diametru ta' dsatax il-millimetru ghalhekk ma kenux koperti bil-licenzja mahruga mill-pulizija u konsegwentement il-hazna (da parti ta'l-imputat) ta' dawn l-istoppini ghand Carmel Falzon ma kenitx koperta bil-permess tal-pulizija.

Illi f'dawn ic-cirkostanza l-Qorti hija sodisfatta li t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat tirrizulta.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tissottolinea li l-imputat irid jigi ssentenzjat ghar-reat li tieghu qed jinstab hati hu u mhux ghal dak li ghamel Carmel Falzon. Mill-provi prodotti huwa car li l-imputat ma kienx attentent bizzejjed ghal dak li qed jigri fil-kamra tan-nar fis-sens li ma kienx qed jaghti kaz ta' x'qed isir mill-materjal li tieghu kien responsabbli u li ma kienx jezercita kontroll adegwat fuq il-persuni li kienu jidhlu fil-kamra tan-nar pero dan l-agir ma jinkwadrax ruhu f'l-imputazzjonijiet odjerni u l-Qorti tista' taghti piena biss ghar-reat li tieghu qed jinstab hati.

Illi l-piena prevista ghal dan ir-reat hija dik stipulata f'l-artikolu 29 tal-Kapitolu 33; f'Mejju 2008 (meta sehh ir-reat in ezami) din id-dispozizzjoni kienet tipprovdi li *kull minn, kontra d-dispozizzjonijiet tat-Taqsima I ta' din l-Ordinanza*[6]*, izomm fid-dar tieghu jew f'post iehor ... ... porvli ta'l-isparar jew xi wahda mis-sustanzi l-ohra imsemmija f'l-artikolu 6* (stoppini jaqaw taht definizzjoni ta' dak predispost f'l-artikolu 6) jehel meta jinstab hati il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izzjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux anqas minn €46.59 u mhux aktar minn €465.87 jew ghal dik il-prigunerija u multa flimkien.

Illi tenut kont li l-fedina peanli ta'l-imputat hija kwazi netta, li l-imputat qatt ma gie ikkundannat ghal reati konnessi max-xoghol tan-nar u li qed jinstab hati

[6] Ir-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat huwa dak predispost f'l-artikolu 9 u ghalhekk f'l-ewwel Taqsima tal-Kapitolu 33.

ghar-reat odjern ghaliex l-istoppini li kien hazen ghand Carmelo Falzon kellhom diametru akbar minn dak li huwa kien licenzjat biex izomm u ghalhekk dik il-hazna ma kenitx kopoerta bil-licenzja l-Qorti hija tal-fehma li l-piena ghandha tkun multa.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikolu 9 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' erbgha mija u hamsin Euro (€450); in oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tordna lill-imputat biex ihallas is-somma ta' €389.97 rapprezentanti nofs l-ispejjez konnessi mal-hatra ta'l-esperti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------